



Kunsill Ewropew

Brussell, 21 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

EUCO 44/24

CO EUR 38
PV/CO EUR 26

MINUTI

Suġġett: Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (20 u 21 ta' Ottubru 2022)

Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew approva l-minuti tal-laqgħa tiegħu tal-20 u l-21 ta' Ottubru 2022, kif jinsabu f'dan id-dokument, u ddeċieda li jippubblikahom.

1.	Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew	3
2.	Adozzjoni tal-aġenda	3
3.	Ukrajna / Russja	3
4.	Infrastruttura kritika	3
5.	Enerġija u Ekonomija	3
6.	Relazzjonijiet esterni	4
7.	Adozzjoni tal-konklużjonijiet	4

1. Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew

Il-Kunsill Ewropew sema' lill-President tal-Parlament Ewropew.

2. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill Ewropew adotta l-aġenda tiegħu kif tinsab fid-dokument EUCO 32/22.

3. Ukrajna / Russja

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju informali ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna, Volodymyr ZELENSKYY, permezz ta' kollegament bil-video.

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet differenti tagħha. Huwa tenna l-kundanna inekwivoka u r-rifjut qawwi tiegħu għall-annessjonijiet illegali mir-Russja. Il-Kunsill Ewropew qabel li l-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi appoġġ politiku, militari u finanzjarju qawwi lill-Ukrajna, inkluż għall-ħtiġijiet ta' likwidità tagħha, u żżid ir-rispons umanitarju tagħha, partikolarment biex tħejji għax-xitwa.

4. Infrastruttura kritika

Il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa atti reċenti ta' sabotaġġ fuq infrastruttura kritika u pprovda gwida bil-ħsieb li tissaħħaħ ir-reżiljenza.

5. Enerġija u Ekonomija

Il-Kunsill Ewropew indirizza l-enerġija u l-ekonomija fi skambju uniku ta' fehmiet. Huwa qabel li, minħabba l-kriżi li għaddejja bħalissa, hemm bżonn li l-isforzi biex titnaqqas id-domanda, tiġi żgurata l-provvista, jiġi evitat ir-razzjonar u jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji fl-Unjoni kollha, jiġu aċċellerati u intensifikati, u l-integrità tas-Suq Uniku jeħtieġ li tiġi ppreservata. Il-Kunsill Ewropew appella għal deċiżjonijiet urġenti dwar miżuri addizzjonali speċifiċi u dwar il-proposti tal-Kummissjoni. Ipprovda wkoll gwida dwar miżuri fit-tul u strutturali. Huwa qed jibqa' jsegwi l-kwistjoni.

6. Relazzjonijiet esterni

Il-Kunsill Ewropew kellu wkoll diskussjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea maċ-Ċina. Huwa appella lill-Iran biex iwaqqaf immedjatament ir-repressjoni vjolenti kontra d-dimostranti paċifiċi u jeħles lil dawk detenuti, b'rispett sħiħ għad-drittijiet ċivili u politiċi tagħhom.

Il-Kunsill Ewropew ħa kont tat-tħejjijiet għas-Summit Kommemorattiv UE-ASEAN, għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2022 (COP27) u għall-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (it-Tieni Parti).

7. Adozzjoni tal-konklużjonijiet

Il-Kunsill Ewropew adotta l-konklużjonijiet, li jirriflettu l-eżitu tad-diskussjonijiet tiegħu, kif jinsabu fid-dokument EUCO 31/22.
